## Kap: 6

## ARMATI SA SNIENA KONTRA TIEGHU

**“Aqbdu l-armatura t’Alla**
**biex tifilhu izzommu fil-jum hazin.”**

**(Ef. 6:13)**




**Parti mill-armatura tan-nisrani kontra x-xitan**

San Gwann fl-Apokalissi jsejjah lix-xitan *"il-qarrieq tad-dinja kollha" {12:9)*. Din hija realta: qarraq bina lkoll. Dallmilna mohhna u hakmilna qalbna.

> "Dawk li l-alla ta' din id-dinja dallmilhom il-mohh taghhom nieqes mill-fidi, biex ma jarawx jiddi d-dawl ta' l-Evangelju glorjuz ta' Kristu, li hu xbiha ta' Alla" (2 Kor 4:4).

Dak li jipprova jaghmel hu li jgeghlna niddubitaw mill-Kelma t'Alla. Naghtu ezempju.

Kummercjant famuz jinduna li siehbu qed jikkompeti mieghu. U allura jistor il-pjan li jkun qed ifassal biex in-negozju jipprogredixxi. Tigih quddiem ghajnejh il-kelma tal-Mulej:

*"Hadd minnkom m'ghandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil haddiehor" (Fil 2:4).*

Il-kummercjant - imbuttat mill-ghadu ta' din id-dinja - malajr jikkonvinci ruhu li din il-kelma mhix ghalih jew dak li hu aghar, li Kristu jew San Pawl ma kenux jafu x'qed jghidu. U l-kummercjant ikompli bil-pjan qarrieqi tieghu.

Nistghu ingibu tant u tant ezempji ohrajn fejn il-Kelma t'Alla m'ghadhiex id-dawl u l-kriterju li fuqha niehdu d-decizjonijiet taghna.

Ix-xitan kontinwament jipprova jimmanipola l-imhuh tal-bnedmin.

**Nimmanettjaw lix-xitan**

L-uniku mod biex inwaqqfu lix-xitan minn din l-istragi kontinwa li qed jaghmel, hu li nimmanettjawh.

Il-manetti mhux jien jew int ser inpogguhomlu, imma Gesu' biss. Hu jahdem fostna skond kemm jippermettilu Alla. U Alla jippermettilu dan il-hazen, biex fl-ahhar kollox idur kontrieh u hekk tkun tidher izjed il-glorja tieghu.

Qatt ma rajt xi film, fejn ikun hemm dwell jew glieda bejn tnejn?
Normalment ir-regista dejjem jipprezenta lill-artist bhala tellief, u dil-haga tibda taqtaghlek nifsek. Sakemm fl-ahhar, meta ma tkunx qed tistennieha, kollox idur favur l-artist u dan johrog trijonfanti mill-glieda, ukoll jekk miflug u mimli demm.

Hekk jigri lin-nisrani. Ix-xitan donnu qed jirbhu; imam jasal il-mument meta Satana jkun umiljat u n-nisrani rebbieh ma' Kristu.

It-tattika ta' Gesu' hi kompletament diversa minn dik tax-xitan. Filwaqt li x-xitan juri l-qawwa kollha tieghu, Gesu'

"ghad li kellu n-natura ta' Alla
ma qaghdx ifittex tieghu U hu daqs Alla,
imma xejjen lilu nnifsu
billi ha n-natura ta' Isir,
sar jixbah lill-bnedmin
u deher minn barra bhala bniedem;
cekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt,
anz.i sal-mewt tas-salib" (Fit 2:6-8).

U proprju hi l-umilta ta' Gesu' li tirbah lix-xitan.
"Issa se jitkecca l-Princep ta' din id-dinja" (Gw 12:31). U lid-dixxipli jaghmlilhom kuragg u jghidilhom:
"Aghmlu l-qalb: jiena rbaht id-dinja" *(Gw* 16:33).

Tassew li Gesu' lil Satana fixklu u qalliblu l-pjan li kellu ta' taht fuq.

"Billi l-ulied ghandhom l-istess demm u gisem, Gesu' wkoll bl-istess mod sar bhalhom,

biex b 'mewtu jeqred is-setgha ta' dak li kellu l-mewt fidejh,

jigifieri x-xitan,

u jehles lil dawk kolha li,

minhabba fil-biza' tal-mewt,

kienu mjassrin ghal ghomorhom kollu" (Lhud 2:14-15).

Satana u shabu jitwerwru meta jahsbu fil-jum tal-gudizzju finali, meta allura ma jkunx permess lilhom li jwettqu xi attivita, imma jigu mwaddbin fil-qighan ta' l-infem, ghal dejjem.

"U lil dawk l-angli li ma bezghux ghal posthom

u telqu mnejn kienu jghammru,

huwa zammhom marbuta ghal dejjem f'qiegh id-dlamijiet

ghall-haqq ta' Jum il-Kbir" (Guda 6).

Sadattant Satana jibqa' jiggerra mad-dinja, jiddomina fuq l-art, sakemm Kristu jgib ir-rebha definittiva fuqu (ara Rum 16:20).

U hawn tinsab ir-rabja u l-aggressivita kollha tieghu: ghax jaf li z-zmien ghalih huwa qasir.

"Hazin ghalikom, art u bahar,

ghax fikom nizel id-Demonju,

b'korla kbira fuqu,

ghax jaf li zmien ftit baqaghlu" (Apok 12:12).

Imma ghaliex din il-mibeghda kollha lejn id-dinja, u lejn il-bnedmin?

Ir-raguni ma tridx wisq biex tifhimha. Kristu ta lilna Ikoll id-dominju li Satana tant xtaq ghalih. Ghamilna qassisin u rejiet:

"u ghamilthom ghal Alla taghna Saltna u Qassisin, li ghad isaltnu fuq l-art" (Apok 5:10).

Veru, il-battalja ta' Satana kontrina hija qawwija u kiefra, imma Gesu' ma jhalliniex wehidna, ghax weghdna l-protezzjoni tieghu:
"jiena wkoll inhares liiek mis-siegha tat-tigrib" (Apok 3:10).

Id-destin tax-xitan huwa diga miktub:
"Imbaghad id-demonju, li kien qarraq bihom, sab ruhu mwaddab fil-belliegha ta' nar u kubrit, fejn hemm ukoll il-Bhima u l-profeta qarrieqa, u jibqghu jbatu lejl u nar ghal dejjem ta' dejjem" (Apok 20:10).

**Suldati lesti ghall-Gwerra**

Meta Gesu' wasal biex ihalli din id-dinja, sejjah lill-AppostIi madwaru u qalilhom:

"Morru fid-dinja kollha,
xandru l-Evangelju lill-holqien kollu.
Min jemmen u jitghammed, isalva;
izda min ma jemminx, ikun ikkundannat.
U dawn huma s-sinjali li jsiehbu lil dawk li jemmnu:
F'ismi jkeccu x-xjaten..." (Mk 16:15-17).

Hawn Gesu' jaghzel il-generali tieghu u jibghathom ghall-gwerra. jaccertahom mir-rebha - ″f'ismi tkeccu x-xjaten″ - imma fl-istess hin jurihom car u tond li kien ser ikollhom glieda. Kien jaf li d-dixxipli tieghu kienu se jaffrontaw, kif ghamel hu, il-qawwiet tal-hazen. Kien jaf li l-battalja kellha tkun qalila izjed milli kieku kellhom jaghmluha kontra l-Imperu Ruman. Kien jaf li d-dixxipli kollha, generazzjoni wara generazzjoni, kellhom jissieltu kontra l-qawwa tal-hazen.

Dan diga kienu bdew jesperimentawh:
"It-tnejn u sebghin regghu lura ferhana jghidu:

'Mulej, ix-xjaten ukoll joqoghdu ghalina minhabba f'ismek!'

U hu qalilhom:

'Iva.jien kont narah lix-xitan jaqa' bhal berqa mis-sema. Araw, tajtkom is-setgha li tirfsu fuq sriep u skorpjuni, u li teghlbu kull qawwa ta' l-ghadu u ebda hsara ma jaghmlulkom'" (Lq 10:17-19).

Gesu' allura jghammar lis-suldati tieghu b'dak kollu li hu mehtieg. Fost l-ohrajn

- jaghmilhom uliedu
- jaghmilhom ilkoll ahwa ta' xulxin
- jaghnihom bl-Ispirtu s-Santu, u hekk jirrendihom "spiritwali"
- jaghtihom ic-cans jiehdu sehem mill-hajja divina t'Alla
- dawk li jemmnu ma jibqghux izjed medhijin fil-hwejjeg ta' din l-art, imma jharsu lejn dak li jistenniehom fis-sema. U dan jaghmilhom izjed hfief ghall-gwerra u inqas vulnerabbli quddiem it-tentazzjonijiet.
- Il-qawwa, ir-rebha u l-awtorita: dawn jappartjenu lil Alla. Imma Hu fdahom f'idejn is-suldati tieghu.

## L-Identita tas-suldat

Is-suldat ta' Gesu' ghandu identita partikulari. Taghrfu minn kull suldat iehor. Fuq il-karta ta' l-identita tighu, ghandek issib:

- qdusija - ara Lev 11:45; 1 Piet 1:16; Is 52:11; 1 Tess 4:7.
- fidi - ara 1 Gw 5:4; Lhud 11:6
  Il-fidi hi necessarja ghas-suldat li jrid jirbah lix-xitan. Hares lejn il-fidi ta'
  **MOSE** jaqsam il-Bahar l-Ahmar - ara *Es 14:1l-14*
  **GOZWE** iwaqqa' l-hitan ta' Geriko - ara *Got 6:l-5*
  **DAVID** jirbah lill-ggant Golija - *1 Sam 17:26, 45-46*
  **SIDRAK** u shabu jghaddu mill-huggiega tan-nar - ara *Dan 3:28-29* Minghajrt fidi, tohrogx ghall-gwerra ghax int tellief qabel ma tibda!
- **ubbidjenw** - ara Fil 2:12; Kohelet 12:13; Mt 10:28

• **tieba** u **onesta’ - ara 1 Piet** 3:12; **Salm** 37:25; **Mt 6:33**
• **talb** - Salm 91:8-9; Mt 17:21; Mt 21:22; Gw 14:12-13- Qw 15:7; Atti 16:25
• **qlubija** - ara il-kuragg ta' Gideon - Mhal 6:12; 2 Tim 1:7- La 10:19 '
• **gherf** - ara Ef 6:12-18
• **umilta’** - ara Fil 2:8
• **konsagrat** l’Alla - ara 2 Tim 2:4; 1 Kor 15:33; Gak 4:4; Dan 1:8; 1 Kor 15:33; 1 Tim 6:10.

**Strategija tax-xitan**

Izjed ma jirnexxiiek taghraf l-istrategija ta' l-ghadu, aktar hemm possibilta li tirbah malajr. L-istrategija tax-xitan hija din:

- rebah l-ewwel battalja li kellu meta qarraq b'Adam u Eva u hekk rabat fid-dnub l-umanita kollha (ara *Rum 5:12-14).* Certament, din kienet wahda mill-ikbar rebhiet li ghamel. Fuqha bena u baqa' u ghadu jibni hafna mill-istrategiji tieghu.
- Meta Gesu’ jigi fostna, ix-xitan ibiddel l-istrategija tieghu. Forsi kien ikun izjed komdu li kieku Gesu’ deher bhala sultan, u hekk kien jiggelidlu bis-"sahha" li minghalih ghandu. Imma Gesu’ deher umli u ckejken, vulnerabbli u serv. U dil-haga fixklitu. U allura pprova jfixklu milli jmur ghas-salib; minkejja li xtaq jarah imsallab bhala tellief. Gesu’ lix-xitan ihawdu. U minflok ma jiggieled kontra "Kristu Sultan", issa jiggieled kontra "Kristu Feddej".
- Fuq il-Kalvarju x-xitan jigi mirbuh. Filwaqt li stenna li dan il-mument kellu jkun vittorja ghalih, fil-fatt is-salib sar ghalih l-ikbar anna kontrieh.

"Nezza' l-Principati u s-Setghat,

u ghamel wirja minnhom quddiem id-dinja,

u karkarhom warajh fit-trijonf tieghu

u bi Kristu" (Kol 2:15).

L-istrategija li juza' hi dik li jnissel fina l-biza'.
Difatti, minghajr Gesu’, in-nisrani huwa bniedem bezzieghi. Il-forza u l-kuragg kollu jgibhom minghand Kristu.

- Ix-xitan juza' strategiji diversi ma' *da\vk Ujemmnu u* ma' *dawk li ma jemmnux.*

**Strategiji Diversi**
Normalment ma' dawk li jemmnu juza' Strategija li l-ghan taghha hu dak li
• idghajjifhom
• jifridhom
• ibeghdhom mill-fidi. Biex jasal ghal dan, jinqeda

a). bl-ipokrisija - insibu bosta nsara li l-valuri taghhom ftit li xejn jiddifferixxu minn ta' dawk li ma jemmnux.

- Tara dejjem differenza bejn '^-*businessman* mhux nisrani u dak nisrani?
- L-insara huma cari fil-mentalita taghhom dwar abort, divorzju, flus, mahfra ...Jew il-mentalita taghhom hi bhal dik ta' l-ohrajn?
- Ftakar fl-ezempju ta' Saffira u Ananija (ara *Atti 5:l-10).*
- Gesu' kien isejjah liU-Farizin "ipokriti" (ara *Mt 23:27-28).* L-ipokrita ma jkunx baqaghlu wisq biex jghaddi kompletament ghall-kamp tax-xitan.

b). Bil-kompromess - Bosta nsara jghixu bil-kompromessi t-taparsi fidi taghhom.

Biex insemmu biss uhud mill-kompromessi l-kbar:

- xoghol f'Jum il-Mulej
- korruzzjoni fl-isport
- loghob ta' l-azzard
- moda u Ibies li ma jixirqux lill-gisem maghzul biex ikun "tempju ta' l-Ispirtu s-Santu"
- pariri minghand shahar u bassara tal-futur

"Intom gens mahtur, sacerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb ghalih" (1 Piet 2:9).

U lir-Rumani San Pawl jghidilhom:

"Timxux max-xejra ta' din id-dinja,
izda nbidlu skond it-tigdid ta' fehmietkom" (12:2).

*c).* Bil-persekuzzjoni - in-nisrani hafna drabi jiskuraggixxi ruhu minhabba l-persekuzzjonijiet li jgarrab. L-Appostli kienu mhedda (ara *Atti 4:18s),* arrestati u mitfughin il-habs (ara *Atti 16),* imhaggra (ara *Atti 7:58).*

Quddiem it-tigrib, m'ghandekx taqta' qalbek. Tistenna forsi battalja minghajr tixrid ta' demm?

"Ahna minn kullimkien ninsabu maghfusin,
imma m 'ahniex mghattnin;
imhassbin,
imma m'ghandniex qalbna maqtugha" (2 Kor 4:8-10).

d.) Bil-popolarita - Satana pprova jwaqqa' lil Gesu' wkoll billi joffrilu li jaghtih il-popolarita minflok imur ghas-salib, meta wrieh l-ibliet ta' madwar Gerusalemm u qallu jinzel jadurah. Dan kollu x-xitan joffrih liiek ukoll, imma ftakar li "la bil-hila u lanqas bil-qawwa, imma bl-ispirtu tieghi" (Zakk 4:6) **li** int tirbah.

e.) Bil-firdiet - Jghodd hafna ghax-xitan dak li kienu jghidu l-Latini: Divide et Impera (ifred u saltan). U difatti, ix-xitan jaghmel minn kollox biex igib firdiet, divizjonijiet, glied u
vendetti.

Bizzejjed tinnota

-id-denominazzjonijiet - bl-eluf! - li Ikoll jistqarru li Gesu' hu l-Hellies taghhom, u safrattant mifrudin minn xulxin!

- firdiet fl-istess evangelizzazzjoni. Min jaccetta d-don ta' l-ilsna, u min Ie; min jaccetta l-karizmi, u min Ie; progressivi **li** jitkellmu kontra t-tradizzjonalisti.

"Missier qaddis, harishorn f'ismek dawk li tajtni, biex ikunu haga wahda bhalna" (Gw17:11).

f.) B'Duttrini foloz. - ideat, duttrini u kuiti diversi li jpoggu fdubju l-qawwa ta' Kristu u ta' l-Ispirtu tieghu.

"L-Ispirtu jghidha car li fl-ahhar taz-zmenijiet

x'uhud jitbieghdu mill-fidi

u jaghtu widen ghal spirti qarrieqa

u ghal taghlim tax-xjaten" (1 Tim 4:1).

Ma' dawk li ma jemmnux, ix-xitan juza' strategija ohra. Lil dawn jittantahom inqas, ghaliex jinsabu diga fl-ghalqa tieghu, fis-saltna tad-dlamijiet. Imma lilu jinteressah li huma jibqghu hemm;
li hadd ma jmisshomlu.
Ninnutaw hawn illi persuna tista' tkun fis-saltna tad-dlamijiet minkejja li ma jkunx bi htija taghha. Mela: ukoll jekk hi ma tkunx kolpevoli ta' l-istat li tkun fih madankollu tkun l-istess taht il-hakma tieghu. Certament dan ma jfissirx li fl-ahhar Alla ma jsalvahiex, imma fuq din l-art tkun tilfet tant beneficcji u grazzji li l-Mulej jaghti, ghaliex tkun imblukkata. Ghalhekk il-Knisja tahdem permezz ta' l-evangelizzazzjoni u tal-missjonijiet biex dawk li jinsabu taht il-hakma tad-dlam jghaddu ghall-hakma tad-dawl.

Satana, lil dawn il-persuni taht il-hakma tieghu (u nirrepeti: mhux necessarjament ghaliex huma taht il-hakma tieghu, ifisser li huma fid-dnub), igarrabhom bi strategija differenti. Ma' dawn l-armi tieghu normalment huma:

i. **Superstiz.zjonijiet** - wiehed jemmen li hemm certi qawwiet f *charms* li jilbes m'ghonqu jew trab li jxerred id-dar jew qarn li jdendel minhabba l-ghajn jew meta jevita granet **(il-*Gimgha*)** jew numri ***{*it-tlettax*)*** jew annimali ***(*qattus iswed*)*** ecc biex dawn ma jgibulux xorti hazina. Ix-xitan joghxa jara nies, ukoll suppost intelligent!, ipoggu l-fidi taghhom f'dawn is-superstizzjonijiet, li jiehdu post Alla.

ii. **Rabtiet** - hafna drabi persuni jmorru ghand is-shahar u jaghtuhom talismani, jew boroz mimlijin b'xi oggetti biex dawn igorruhom fuqhom. Dawn joholqu rabtiet negattivi ma' l-okkult u mas-shahar, servi tal-princep tad-diamijiet.

F'xi pajjizi ta' l-Afrika (ez. Ghana) jaqtghu farrett f'wicchom jew fxi post iehor tal-gisem u jdahhlu trab iswed maghmul minn gherq tas-sigar jew weraq jew ukoll ta' l-annimali. Ghalihom dan ikun qisu rabta ma' l-ispirtu **(tribal marks).**

Kif wiehed jara, ix-xitan jipprova jzomm lill-persuni taht il-biza' jew theddid, biex hekk kulma jghidilhom jaghmluh. Meta dawn il-persuni jigu evangelizzati, mhux facli jinqatghu minn dawn ir-rabtiet. Issib certi rabtiet, taht ghamliet differenti, fl-istess insara wkoll.

iii. **Biza' u Suspetti** - Satana jipprova jzomm dejjem lill-persuni fil-hakma tad-dlamijiet, taht hafna biza' u suspetti fl-ohrajn. Dan allura facli jmexxihom lejn is-shahar, qarrejja tal-futur, u jsiru dipendenti minnhom. It-talb jibda ma jissodisfahomx izjed u allura ghalxejn tipprova tohroghom min-nasba li jkunu dahlu fiha. Ftit li xejn jemmnu li Gesu' biss jista' jkun it-twegiba ghall-biza' taghhom.

iv. **Qima lill-Idoli** - ghad hawn hafna pajjizi fejn il-kristjanezmu ghadu mhux maghruf, u fejn allura l-qima lill-idoli (statwetti u xbihat) jigu meqjuma u adorati. U anki meta dawn jikkonvertu, mhux facli jinqatghu minn dawn l-idoli **li** "missirijietna kienu jaduraw". Imma Alla huwa car dwar dan:

"Hazin ghalih min jghid lil bicca ghuda:

'Stenbah min-nghas' jew 'Qum' lil gebla siekta**!**

Dan hu t-taghlim!

Araw, xoghol intarsjat bid-deheb u l-fidda,

izd'ebda nifs ta' hajja mhemm go fih.

lzda l-Mulej fit-temp ju mqaddes tieghu;

iskot quddiemu, art, kollok kemm int" (Hab 2:19-20).

v. **Hwejjeg ta' l-art** - Ix-xitan jaghmel minn kollox biex jikkonvinci lil min ma jemminx, li l-qawwiet jinsabu kollha go fih u li l-paci u l-ferh jiddependu kollha minnu. U allura jbeghdu mill-possibilta li jaccetta lil Kristu. Ghall-kuntrarju, hu joffrilu s-soluzzjonijiet tieghu:

- **ghana u flus** - ara 1 Tim: 6-10; Mk 10:17-23; Lq 1:19-20
- **xorb u ikel** - ara Prov 23:29-31; Hab 2:5
- **sesswalita** — ara 1 Kor6:18
- **droga** - li biha jkisser is-sistema nervuz tieghu.

vi. **Setet u Kult pagan** - Satana jhabrek halli johloq konfuzjoni. U jirnexxilu! Lilu jimpurtah li ma jkollokx lil Kristu f'hajtek. Ma jinteressahx tkunx spiritwali jew le; jinteressah biss li ma taccettax lilu bhala l-Hellies tieghu. Ghalhekk...jafirewwah is-setet, il-girja lejn kult jew religjon orjentali. Certament, anki f'dawn wiehed isib xi verita, imma mhux il-verita shiha. U x-xitan huwa espert ghan-nofs veritajiet. Facli taqbdu f'gidba; izjed difficli taqbdu meta jipprezentalek nofs veritajiet.

vii. *New Age (***Era Gdida***)* - illum ix-xitan qed jinqeda hafna bil-**Moviment tan-New Age***,* specjalment meta dawn izommu illi m'hemmx bzonn ta' Hellies ghax il-hellies tieghek huwa inti stess, billi tikxef il-potenzjal kbir li hemm fik u fin-Natura li hemm madwarek.
Miljuni llum qed izommu din il-filosofija. Ix-xitan qed jahdem b'mod fin hafna u jqarraq billi jipprezenta bhala dawl dak li fil-fatt huwa diam.

**L-Armatura t'Alla**

L-armi li n-nisrani juza' kontra x-xitan, mhumiex armi ta' **l-**azzar jew kanuni tan-nar, imma huma armi spiritwali (ara 2 ***Kor 10:3).***
Ir-raguni jaghtihielna San Pawl:

"Ghax il-glieda taghna m 'hijiex kotnra d-demm **u l-laham,**
imma kontra s-Setghat, kontra l-Qawwiet,
kontra l-Princpijiet ta' din id-dinja ta' diamijiet,
kontra l-ispirti hiiena
li jghammru fil-wisa' tas-smewwiet" (Ef 6:12).

Jehtieg mela li Ikoll nilbsu l-armatura spiritwali. B'din l-armatura fuqna, ix-xitan ma jkollux setgha fuqna. Meta jahsadna u jehodna ghal gharrieda, normalment nitilfu, ghaliex isibna bl-armatura mhix fuqna.

Imma minn liema armatura qed nitkellmu?
Fit-Testment il-Qadim Alla hu pprezentat bhala "l-Alla ta' l-ezercti" li jidhol fl-istorja tal-bniedem biex jiddefendih u jikseb il-glorja li tisthoqq lilu.

Is-Salmista jiddeskrivi din il-battalja b'versi poetici:

"Feraq is-smewwiet u nizel,
bi cpar iswed taht riglejh.
Fuq kerubin rikeb u tar,
niiel b 'heffa fuq gwienah ir-rih.
Bid-dlam insatar bhal bl-libsa,
shab iswed u maghqud l-gharix tieghu.
Mid-dija ta' quddiemu shab johrog,
silg u ilsna tan-nar.
Rieghed il-Mulej mis-smewwiet,
l-Gholi semma' lehnu.

Telaq il-vlegeg tieghu u xerridhom, ghamel il-beraq u

harrabhom.
U dehru qighan il-bahar,
inkixfu s-sisien ta' l-art
mat-theddida tieghek, Mulej,
man-nefha ta' mnifsejk.
Mill-gholi medd idu u hatafni,
harigni minn bahar ta' ilma.
Mill-ghedewwa b'sahhithom helisni,
mill-ghedewwa li jifilhu akar minni (Salm 18:10-18).

U l-profeta Habakkuk ikompli jghid:

"Terfa' l-qaws tieghek gheri, il-watar tieghi timlieh sew bil-vlegeg. Int tofroq l-art bix-xmajjar, jilmhuk il-muntanji, u jithejju;
jitqalleb l-ilma b'sahha kbira u jghaddi;

jghajjat l-abbiss u jerfa' jdejh fl-gholi. Ix-xemx u l-qamar waqfu fposthom, harbu kif raw ilehhu l-vlegeg tieghek, u l-lanza tieghek tohrog dawl li jghammex. Int b 'korla fuqek tghaddi minn nofs l-art, u tghaffeg b'sahna l-gnus. Int hrigt sabiex issalva l-poplu tieghek, issalva l-midluk tieghek" (Hab 3:9-13).

Kif wiehed jista' jara, il-profeta jiddeskrivi '1 Alla fbattAlla u dan Alla juza l-istess elementi tan-natura bhala l-armi micidiali tieghu kontra l-ghadu.

Il-profeta Isaija jiddeskrivi l-armatura ta' Alla waqt il-battalja:

"Libes il-gustizzja bhal kurazza
u l-elmu tas-salvazzjonifrasu.
Libes il-hwejjeg tal-vendetta,
u tghatta bil-mantar tal-hegga" (Is 59:17).

**L-istess** hsieb inkomplu nsibuh fil-Ktieb ta' l-Gherf:

"Jilbes il-kurazza tal-hegga tieghu,
u jarma l-ezerctu tal-hlejjaq kontra l-ghedewwa,

u jqieghedfuq sidru l-kurazza tal-gustizzja,
u fuq rasu l-elmu tal-haqq bla qerq;
jiehu t-tarka tal-qdusija li qatt ma tintrebah,
u jsinn is-sejf tal-qilla mghaddba;
u d-dinja tissieheb mieghu fil-glieda kontra l-boloh.
Vlegeg tan-nar johorgu u jtiru dritti,
mis-shab bhal minn qaws migbud sewwa,
ghal fuq il-bersall jaharbu" (Gherf 5:17-21).

Kif naraw dalwaqt, San Pawl jibbaza l-glieda taghna kontra l-ispirti hziena fuq dawn it-testi meta jispjegalna x'ghandha tkun l-armatura taghna kontra x-xitan u l-ezerctu tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar anki Gesu' hu pprezentat fil-Vangelu bhala "gellied" kontra Satana, biex jehodlu minn taht idejh l-umanita li sfat ilsira tal-hazen. Kontra Satana, Gesu' jipprezentalna saltna ta' mhabba u pact.

L-Apokalissi mbaghad jiddeskrivielna l-glieda eskatologika,

jigifieri l-glieda fit-tmiem taghha, b'mod kulurit u qawwi.

Jghidilna San Gwann:

"Mbaghad rajt is-sema miftugh, u kien hemm iiemel abjad! Dak li kien riekeb fuqu, jissejjah Fidil u Veru;
bil-gustizzja hu jaqta' l-haqq u jaghmel il-gwerra.

Ghajnejh qishom huggiega nar, b'hafna dijademifuq rasu,
u b'isem miktub fuqu li hadd hliefu ma jafu.
Kien liebes mantell imxarrab bid-demm,
u jissejjah bl-isem "il-Verb ta' Alla".
Mexjin warajh, fuq zwiemel bojod,
kien hemm l-ezercti tas-sema,
lebsin l-ghazel abjad bla nikta.
Minn fommu hierga xabla misnuna,
biex joqtol il-gnus, u jmexxihom b 'xettru tal-hadid.
Huwa jishaq l-inbid ibaqbaq fil-maghsra tal-korla
ta' Alla li jista' kollox.
Fuq il-mantell u fuq koxxtu ghandu miktub isem:
'Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien'.
U rajt wiehed anglu wieqaf fuq ix-xemx
u qabad jghajjat b'lehen qawwi
u jghid lit-tjur kollha li jittajjru fl-gholi tas-smewwiet:

'Ejjew, ingabru flimkien ghall-mejda l-kbira ta' Alla.
Halli tieklu laham is-slaten, laham il-kaptani,
laham is-setghana, laham iz-zwiemel u r-rikkkieba taghhom,
il-laham ta' kulhadd, sew hielsa u sew ilsiera,
kemm zghar u kemm kbar'.
Mbaghad rajt il-Bhima u s-slaten kollha ta' l-art u l-eiercti taghhom,
migbura flimkien biex jaghmlu gwerra
Hl dak li kien riekeb fuq iz-ziemel u lill-ezerctu tieghu.
U l-bhima nqabdet, u wkoll il-profeta qarrieq
li quddiemha kien jaghmel is-sinjali li bihom
kien qarraq b'dawk li hadu l-marka tal-Bhima
u li nxehtu jqimu x-xbiha taghha.
U t-tnejn twaddbu hajjin fil-belliegha tan-nar jaqbad tal-kubrit.
U l-bqija sfaw maqtula bix-xabla li kienet harget
Minn fomm dak li kien riekeb fuq iz-ziemel,
u, t-tajr kollu kililhom lahamhom sa xaba"[1] (**Apok 19:11—21).**

Deskrizzjoni tassew meraviljuza ta' battalja fejn Gesu', il-Haruf huwa rebbieh. Hu dak li kellu jaqbad id-Dragun, li hu x-Xitan u jwaddbu f'bir bla qiegh (ara **Apok 20:2-3).**

Dil-battalja, li bdiet u ghadha sejra, Gesu' jaghmilha llum permezz taghna, fina u maghna. U ghalhekk San Pawl jghidilna:

"Ilbsu lil Sidna Gesu' Kristu" (Rum 13:14).

San Pawl jinsisti fuq dan, ghaliex il-battalja hi Tieghu izjed milli taghna. Ix-xitan jibza' minnU u mhux minna. **Hu** ghalhekk li rridu nilbsu lilu,jekk irridu nirbhu.

"Intom, li intom mghammdafi Kristu, ilbistu 7 Kristu" (Gal 3:27).

U lil Kolossin jghidilhom:
"Ilbistu l-bniedem il-gdid, lijiggedded dejjem skond ix-xbiha ta' min halqu " (Kol 3:10).

## L-Armatura tan-Nisrani

Lil min ikun imiibbes bi Kristu, allura jinghatawlu l-"armi tad-dawl" biex bihom jikkumbatti l-ghadu f'isem Kristu. *"Inwarrbu mela l-ghemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl" (Rum 13:12).* U x'inhuma qatt dawn l-armi tad-dawl?

Huma l-armi li minnhom jitkellem San Pawl fit-test famuz lill-Efesin:

"Hazzmu genbejkom bil-verita',
ilbsu l-kurazza tal-gustizzja,

u xiddu riglejkom bil-hegga ta' l-Evangelju tas-sliem;
hudu f'idejkom it-tarka tal-fidi,

li biha tistghu titfghu l-vlegeg kollha tan-nar tal-hazin;

ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni

u aqbdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla"
**(Ef-6:14-17).**

**Il-Hziem tal-Verita'** - il-hziem hija l-izjed parti importanti tal-libsa ghax minghajru jaqaghlek kollox. Hu l-hziem li jzommok sod, liberu fil-movimenti tieghek. U ghas-suldat ta' Kristu, il-hziem huwa l-verita.
L-ewwel u l-ikbar tattika tax-xitan kontra n-nisrani hi dik li jdahhlek u jaghmlek "gidba". Hekk ghamel ma' Eva meta geghlha tiddubita minn Alla (ara *Gen 3:4).* Huwa Gesu' biss li jaghmilna liberi, ghax huwa biss hu l-Verita (ara *G\v 14:6).* Meta ahna nitwahhdu mal-Kelma tieghu, allura nsiru persuni liberi (ara *Gw 8:32).* Ix-xitan, ghall-kuntrarju, huwa missier il-gideb (ara *G\v 8:44).*
Maghqudin mal-verita, ifisser li ahna nitnaddfu mill-hmira l-hazina u qarsa tal-qerq u tal-hazen (ara *1 Kor 5:7-8).*

Gesu' talab lill-Missier biex jibghat fuqna l-Ispirtu tal-Verita**:**

"Qaddishom permezz tal-verita';
il-kelma tieghek hi verita' (Gw 17:17).

Fost il-gideb l-aktar komuni tax-xitan, insibu dawn:

- Mhux veru li Alla jhobbok. Kif jista'jhobb persuna midinba bhalek?
- Alla? U dan Alla min hu?
- Bla dubju, int persuna bla ebda valur u kapacita.
- Lilek hadd ma jhobbok u hadd qatt ma jhobbok.
- Kulhadd huwa kontrik. + Int midneb: haqqek l-infem ('nofs verita': veru li int

midneb, imma Alla ma jridx jibaghtek l-infern, imma jrid jahfirlek).

- M'hemmx bzonn ta' Gesu' fil-hajja tieghek. Kull religjon hija tajba l-istess. Mur u accetta r-religjon li hi l-izjed komda ghalik.
- Fik hemm energija li jekk jimexxiiek tohrogha u tuzaha, ma jkollokx bzonn tmur kull darba ghand Kristu biex jghinek.

Hu hsieb il-hziem, il-hziem tal-verita. Jekk dan ma **jkunx** marbut tajjeb, allura jfixklek u taqa' zgur fin-nassa tax-xitan.

**Il-Kurazza tal-Gustizzja** - din hija parti importanti hafna fl-armatura, ghaliex hi l-kurazza li tghatti s-sider, l-ispallejn u l-qalh ta' min qed jikkumbatti. Taghtik insomma sens ta' sikurezza Imma x'inhi dil-kurazza? Hija l-qdusija tan-nisrani.

Il-qdusija (gustizzja) hija proprjeta t'Alla wahdu. Hu biss hu l-Qaddis, anzi l-istess Qdusija. Imma Alla kkomunikalna ragg minn dil-qdusija permezz ta' Kristu, li ghamilna mill-gdid ulied Alla u eredi tas-sema pajjizna. Sirna qaddisin u mnaddfin permezz tad-demm tieghu (ara *Rum k.3-6; Ef k.l-2).* Il-qdusija mela li minnha jitkellem Pawlu mhix il-qdusija taghna li nimmeritaw bil-hidmiet taghna, imma hija l-qdusija ta' Kristu nnifsu li biha jghammidna u jbiddilna. Difatti, hu permezz ta' l-Ispirtu tieghu li ahna nwettqu l-opri tajba. Ma kenitx tkun vera qdusija dik li niksbu bl-isforzi taghna biss. Hu ghalhekk li x-xitan jibza' immensament minn din il-korazza li mhux biss tiddefendina u tipprotegina, imma ssir dawl li jaghmih.

L-istess San Pawl jidentifika din il-korazza mal-fidi u l-imhabba:

"Imma ahna, li ahna wlied il-jum

ha nkunu ghajnejna miftuha,

lebsin il-kurazza tal-fidi u ta' l-imhabba

u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni" (I Tess 5:8).

Naturalment, ix-xitan jipprova jdghajjef il-kurazza billi jittantana ghad-dnub. Kull dnub itaqqab il-kurazza u jiftah il-bieb lix-xitan.

Mhux ta' xejn li l-Iskrittura tghidilna:
"Kunu qaddisin ghax qaddis Jiena" (Lev. 11:45).

**Il-Qorq tal-hegga** - "riglejkom mixdudin bil-qorq tal-hegga ta' l-Evangelju tal-Paci".

Il-hegga tan-nisrani biex, kulfejn ikun, igib il-paci, hi mxebbha minn San Pawl maz-zarbun Jew qorq. Donnu jrid jghidilna:

'kulfejn tmur, gib il-paci'.

In-nisrani ghandu jkun hekk maghgun mal-Vangelu u bih, ikun fein ikun, ukoll bl-istess prezenza tieghu, igib fost kulhadd il-paci ta' Kristu. Isir insomma: xandar tal-paci.

Permezz tal-qorq tal-hegga. Alla jaghti lill-qaddej tieghu id-don taz-zelu. lhalli f'idejh li jiddefendi isem il-Mulej ma' kulhadd. U dil-haga tirrabja lix-xitan, dak li dejjem cahad li jaghti lil Alla l-glorja li tisthoqqlu. Tirrabjah... u ddghajfu!

**It-Tarka tal-Fidi** dejjem f'idejkom - Is-suldat Ruman ma kien ihalli qatt it-tarka minn idejh. Biha hu seta' jtajjar minn fuqu l-vlegeg kollha u d-daqqiet ta' xabia min-naha ta' l-ghadu. Minghajr il-fidi, ix-xitan jirbahna. Hu wisq izjed intelligent! minni u minnek. Mieghu ma naghmlu xejn! U dak li jipprova jaghmel, hu li jisfiducjana. *"M'intix kapaci tirbahli!"* hi l-kelma li sikwit ifesfes f'widnejna. U kultant... nemmnuh, boloh li ahna! Certament, hadd minna m'ghandu l-forza li jirbahlu, imma tinsiex x'qalilna Gesu': "Kollox hu possibbli ghal min jemmen" (**Mk 9:23**). Il-fidi tbezzghu u ggeghlu jirtoghod. Huwajaf illi *"din hi r-rebha li rebhet id-dinja: il-fidi taghna"* (7 (nv *5:4)*. Huwajaf li l-fidi f'Gesu' hija l-qerda tieghu. Attenti: mhix il-fidi li ser nirbah, imma... il-fidi f'Gesu'. Il-fidi mhix fir-rebha (dik hija certezza u konsegwenza); il-fidi hija f'dak li rebah diga lill-ghadu: Gesu' Kristu.
Issa nifhmu izjed ghaliex wahda mill-vlegeg l-izjed gheziez ghax-xitan hija dik li jinsinwa f'mohhna u qalbna... *id-dubju.*

**L-Elmu tas-Salvazzjoni** - parti vitali ghal min irid ikun armat sewwa. L-elmu jghatti r-ras. Jekk l-ghadu jara r-ras mikxufa, jimmira u ekku l-mewt. Dan l-elmu ghan-nisrani jfisser li temmen li Gesu' hu s-Salvatur veru tieghek. Bosta dan jghiduh bil-kliem imma mhux bil-fatti. Il-helsien veru ma jikkonsistix biss fl-indiema mid-dnubiet, imma jfisser imbaghad konverzjoni. U din tfisser passagg mill-bniedem il-qadim ghall-bniedem il-gdid. Hafna lesti li jiddefendu lil Kristu, imma mhux li jghixu l-valuri tieghu. U difatti jibqghu jghixu l-valuri ta' darba, fix-xoghol, fil- hajja familjari, fil-kummerc, fid-divertiment... Salvazzjoni rna tfissirx semplicement **religjozita'** (thaddan ir-religjon nisranija) imma tfisser fidi (temmen li dak li Gesu' qed jghidlek huwa minnu). Ghalhekk bosta jigu ta' spiss feruti mix-xitan, ghaliex il-valuri taghhom mhumiex il-veri valuri ta' Kristu.

Idahhkuni dawk li jigu ghandi biex nitlob ghall-helsien taghhom, meta mbaghad hajjithom hi u tibqa' mundana ghall-ahhar.

Il-hames bicciet ta' armatura li minnhom jitkellem San Pawl -jigifieri l-kurazza, il-qorq, it-tarka, l-elmu u l-hziem - huma l-armatura ta' difiza. Bihom is-suldat jiddefendi lilu nnifsu.
Isemmi mbaghad zewg armi li bihom is-suldat *jattakka:* u dawn huma il-Kelma t'Alla u t-Talb.

**Il-Kelma t'Alla** - "aqbdu x-xabla ta' l-lspirtu li hi l-Kelma t'Alla".
In-nisrani jattakka lix-xitan bil-Kelma t'Alla. Huwa jibza' immensament mill-Kelma, u kultant jipprova hu wkoll juzaha biex ifixkilna biha, imma mbaghad bhal **boomerang,** iddur kontrieh. "Min imaqdar lili, u ma jilqax kliemi, hemm min jaghmel haqq minnu; il-kelma li jiena ghedt:
tkun hi li taghmel haqq minnu fl-ahhar jum" (Gw 12:48*)*.
Il-Kelma t'Alla hija "xabla" - mhux biss, imma xabla taqta' minn zewg nahiet.

"il-Kelma t'Alla hi hajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'zewgt ixfar" **(Lhud 4:12).**
B'mod tassew sabih, l-Apokalissi jipprezentalna l-Kelma hierga minn fomm Gesu' bhala xabia taqta:

"Minn fommu hierga xabla misnuna biex joqtol il-gnus" **(Apok 19:15).**

Bir-ragun kollu, San Pawl jghid li Gesu' lix-xitan joqtiu "b'nifs fommu":

"Mbaghad jinkixef il-Hazin
u l-Mulej Gesu' joqtlu b 'nifs fommu
u jeqirdu bid-dija tal-prezenza tieghu" (2 Tess 2:8).

Meta nitkellmu mix-xabla bhala l-Kelma, nifhmu wkoll il-predikaz.zjoni, il-Magisteru u l-Profezija. Dawn jaghmlu parti mill-Kelma bhala Xabla qerrieda ghax-xitan.

**Itolbu dejjem fl-Ispirtu** - Nisrani li jitlob hu bniedem qawwi;
nisrani li ma jitlobx hu bniedem spiritwalment mitruh.
Sakemm hemm it-talb, allura x-xitan hu tellief. Tiftakru '1 Mose jitlob u jintercedi. B'idejh 'il fuq lejn is-sema, Amalek kien jitlef. Malli Mose kien inizzel dirghajh, Amalek kien jirbah. Bosta drabi r-rebhiet li jaghmel ix-xitan fuq il-bniedem huma rizultat ta' nuqqas ta' talb.
Ta' min isemmi hawn it-talba fl-Ispirtu, li minnha jitkellem San Pawl fl-ittra lir-Rumani (ara *8:26-27)*. Probabilment hawn ghandna alluzjoni ghat-Talb bl-ilsna. Haga hija certa: l-esperjenza tghallimna li x-xitan huwa sensibbli hafna ghat-talb bl-ilsna.

**L-Armatura tfisser bidla**

Darba gie jfittixni l-kunvent negozjant. Kien inkwetat hafna, ghaliex in-negozju kien sejjer hazin. Qalli li zgur kienu ghamlulu xi maghmul. Naturalment talabni nnehhilu l-maghmul u mmur inberiklu l-hanut tieghu. L-ewwel haga li staqsejtu kienet jekk hux imbieghed minn Alla, mill-Knisja u mis-sagramenti. Qalli li sfortunatament ma kellux zmien ghal dawn l-affarijiet. L-importanti hu li ma kien qed jaghmel deni lil hadd.
Bosta jemmnu f'din ir-religjozita magika - talba, barka... - u kollox jirranga! Imma l-armatura li minnha jitkellem San Pawl tfisser konverzjoni, bidla fil-valuri, mixja lejn Kristu.

Meta lil dan in-negozjant ghedtlu illi dak li kien mehtieg izjed minn barka tal-hanut, kienet il-konverzjoni tieghu lejn Alla, ma tantx hadha tajjeb. Hu kien imdorri jhallas, u jakkwista dak li jrid f'tebqa t'ghajn.

Jekk irridu nirbhu lix-xitan, irridu nkunu f'mixja lejn Gesu' u ma' Gesu'.
Mhux bizzejjed li tpoggi domna jew salib m'ghonqok; lanqas li tiddeciedi li ma tmurx izjed ghand shahar. Kollox hu tajjeb u necessarju. Imma fuq kollox... hi importanti l-bidla tal-qalb u tal-mohh. Hu minn dan l-aktar li jibza' x-xitan: il-qdusija ta' l-individwu!

U din tigi biss **mill-Ispirtu s-Santu**. **Hu** ghalhekk li persuna "qaddisa" tissejjah "persuna spiritwali". Xi tridu jaghmel ix-xitan quddiem persuna bhal din?!
L-armatura li ggorr fuqek tkun armatura finta jekk il-hajja nisranija tieghek ma tkunx hajja dinamika. U dan ifisser:

• hajja ta' Talb kuljum
• qari ta' spiss tal-Kelma t'Alla
• taghlim sod tad-duttrina kif imfissra mill-Knisja
• sehemfxi ghaqda li tghinek tikber u timxi ma' Kristu
• servizz. lill-ohrajn
• hajja sagramentarja

Dan kollu hu importanti jekk ma tridx li l-armatura tibda taqaghlek bicca bicca, biccans u periklu li x-xitan isib kif u fejn jattakkak (1).

**Il-Hajja Sagramentarja**

Gesu’ hu s-Sagrament tal-Missier. Il-Missier jibghat lilu biex isalvana, u ghaldaqstant Gesu’ jsir il-mezz tas-salvazzjoni (sagrament) f'idejn il-Missier.

Il-Knisja, min-naha taghha, issir is-Sagrament ta' Kristu **u** Sagrament ghad-dinja. Huwa halla lilha bhala mezz ta' helsien**.** f'idejha halla l-predikazzjoni, l-interpretazzjoni tal-Kelma (Bibbja) u fuq kollox is-Sagramenti. Mela: is-sagramenti huma l-mezzi ta' helsien mhollijin minn Kristu nnifsu f'idejn il-Knisja biex bihom tqawwina u ssalvana (2).
Naturalment, fost is-sagramenti li l-aktar ibezzghu lix-xitan,
insemmu:

- **U-Maghmudija** - ix-xitan jitwerwer mill-persuna mghammda, ghaliex fihajara iben u bint Alla, eredi tas-sema, b'sigill li ma jithassarx. Fuq kollox fir-rit tal-Maghmudija ssir ic-cahda ufficjali u pubblika tax-xitan u t-talb ta' l-ezorcizmu.

Hija drawwa ta' min ifahharha li wiehed igedded sikwit il-weghdiet tal-Maghmudija, fejn jichad lil Satana u jsejjah u jaccetta lil Gesu’ fil-hajja tieghu.

Gie li kien hemm min staqsieni: ghaliex ix-xitan ma johrogx minn persuna, minkejja li din tkun ghamlet ic-cahda lix-xitan? It-twegiba hija cara: ic-cahda ma tridx issir bil-fomm biss, imma trid issir bil-mohh u l-qalb. Wiehed insomma jrid jiddeciedi tassew li jghix dak li jkun qed jistqarr.

- **Il-Qrar** - Jghidilna San Gwann:

"Gheziez, jekk il-kuxjenza taghna ma ccanfarniex, ahna qalbna qawwija quddiem Alla, u kulma nitolbu naqilghuh minghandu, ghax qeghdin inzommu l-kmandamenti tieghu u naghmlu dak li joghgob lilu" (1 (Gw.3:2l-22).

Is-sagrament tar-Rikonciljazzjoni ghandu diversi ghanijiet:

- **ghan li jahfer id-dnubiet** - hu ghalhekk li **nistqami** dnubietna lis-sacerdot li jahfrilna f'isem Kristu;
- **ghan li jfejjaq** il-hafna griehi li l-istess **dnubiet** taghna jaghmlulna. Bosta drabi nibqghu mugughin minkejja li d-dnub ikun inhafer;

• **ghan li jilliberana** mill-attakki tax-xitan, li jasal **dejjem biex** jinduna fejn huma l-punti debboli taghna;
• **ghan li jqawwina**, permezz ta' l-Ispirtu gdid li jaghtina, biex inkunu kapaci niggieldu fil-futur kontra d-dnub.

Bir-ragun kollu x-xitan jitwerwer minn dan is-sagrament, u jaghmel minn kollox biex ma nersqux lejh.

- **L-Ewkaristija** - Din hija d-daqqa decisiva lix-xitan. Minghajrha, l-ezorcizmi kollha li naghmlu jkunu daqslikieku qed taghti pastilja tal-grizmejn lil min ghandu pulmonite. Hija l-quccata tal-hajja nisranija.

Nistghu nharsu lejha taht tliet aspetti:

• *Il-quddiesa* - meta hu possibbli ghal persuna li tattendi l-quddiesa kuljum, allura ghandha garanzija ta' rebha kontra x-xitan.
• **It-tqarbin** - jien nissuggerixxi dejjem li wara t-tqarbin issir ukoll, privatament u fis-skiet, ic-cahda lix-xitan u lill-attakki kollha li jkun qed jaghmlilna f'dak iz-zmien (attakki sesswali, mard, krizijiet ta' fidi...). F'mumenti bhal dawn, zgur li jhossu bla forza, u jkollu jcedi.
• **L-adorazzjoni** - Gesu' jinsab hemm, jistenniena kontinwament, fit-Tabemaklu. L-adorazzjoni quddiem Gesu' sagramentat tiswa wisq u wisq izjed minn kull protezzjoni li nistghu nzommu fuqna (ez. domni, kurcifissi) Jew minn kull talba ohra.

Osservazzjoni sabiha li jaghmel *Salvucci* f'dan ir-rigward hija din: l-ghaqda tieghi ma' l-Ewkaristija taghtini l-forza biex noffri l-istess sofferenza tieghi lil Gesu' u nghaqqadha **ma'** dik tieghu (3).
Fost il-hafna sofferenzi li nghaddu niinnhom (mard, problemi familjari, gheja u diffikultajiet fuq ix-xoghol...) inzidu bla dubju dawk li jigu direttament mix-xitan (tentazzjonijiet, effetti tal-maghmul, waqghat fid-dnubiet...). Kultant dawn huma sofferenzi ikbar minn dawk fizici u psikologici. Naturalment, biex ma nsemmux imbaghad is-sofferenzi kbar tal-bniedem possessat!

Ruh qaddisa qalet illi f'wahda mid-dehriet h ghamlitilha l-Madonna, din sejhet lil dawk mahkumin minn seher Jew maghmul: "il-martri tas-seklu XX". U dan izjed u izjed meta, minflok isibu l-ghajnuna, isibu min jiddiehek bihom u jghaddihom biz-zmien - kultant anki mill-istess sacerdoti.

L-Ewkaristija hija l-offerta ta' Gesu' lill-Missier bhala Vittma. Gesu' hu r-Ras; ahna l-Gisem. U jekk ir-Ras offra lilu nnifsu bhala offerta, dan ghandna naghmluh ahna wkoll,

li ahna l-Gisem. Ir-ruh maghquda ma' Gesu' fl-Ewkaristija, toffri lilha nnifisha u s-sofferenza taghha lill-Missier, maghquda ma' l-Iben Gesu'.

Forsi mhemmx helsien isbah u aqwa minn dan: l-offerta tas-sofferenza provokata mix-xitan, lill-Missier. Tassew li hawn in-nisrani jkun qed igib rebha radikali fuq ix-xitan!

## Sawm u Penitenza

Meta darba d-dixxipli ta' Gesu' staqsewh ghaliex ix-xitan ma kienx qed jobdihom, Gesu' wiegeb:

"Imma dan il-gens ma johrogx hlief bit-talb u s-sawm" (Mt 17:21).

Is-sawm minn dejjem kien meqjus mill-Knisja - fuq l-ezempju ta' Gesu' - bhala mezz adatt hafna ghat-tkeccija tax-xitan.

Gesu' nnifsu jibda l-hajja pubblika tieghu, billi jghaddi erbghin jum sawm u penitenza fid-dezert, haga li tant inkwetat lix-xitan, li ghamel minn kollox biex itellfu u jfixklu (ara *Mt 4,5 u 8- La 4,5 u* 9).

Id-dixxipli ta' Gesu' mxew fuq l-ezempju **ta'** l-Imghallem u jibdew il-hidma pastorali taghhom bis-sawm u talb:

"Mbaghad, wara li samu u talbu, qieghdu idejhom fuqhom, u baghtuhom" (Atti **13:3).**

Is-sawm u l-penitenza huma esperjenza interessanti. Hu daqslikieku l-persuna tinza' l-energiji fizici taghha biex tpoggi biss fuq l-energija li gejja minn fuq (4).

Ghaldaqstant is-sawm wiehed m'ghandux ihares lejh bhala mezz ta' dieqa, imma ta' ferh. Il-bniedem sajjem mhux il-bniedem imdejjaq, fallut u frustrat. Imma hu n-nisrani ferhan, li lest li jinqata' minn dak li jorbtu biex ikun bniedem izjed liberu.
Hawn nassistu allura ghar-rabja tremenda tax-xitan quddiem il-bniedem li jsum, ghaliex quddiemu jhossu tellief. Ezempji sbieh insibuhom fil-hajjiet tal-Padri tad-dezert.
Is-sawm u l-penitenza huma mezzi qawwijin hafna biex ikeccu lix-xitan minn madwarna.
Interessanti ninnutaw illi fil-kulturi primittivi ta' l-Amerka, l-Indja u l-Afrika, is-sahhar kien jghaddi hafna jiem fis-sawm, ghaliex kien jahseb li b'dan il-mod seta' jidhol aktar malajr f'kuntatt ma' l-ispirti (5).

Ilum hafna jsumu - biex jaghmlu d-dieta!
Dan ifisser li l-ghan li ghalih insumu, biex dan ikun spiritwali, irid ikun car hafna. M'hemm xejn hazin jekk trid issum biex tonqos; dan imma m'ghandu x'jaqsam xejn mas-sawm li dwaru qeghdin nitkellmu ahna.
Is-sawm spiritwali jghaqqadni izjed ma Gesu'. Mela... jekk dan l-ghan jintilef jew jintesa, is-sawma ma jkollha l-ebda effett spiritwali.
Il-vera sawma - dik jigifieri li twerwer lix-xitan - tghaqqadna izjed mal-passjoni u qawmien ta' Gesu'. U hu dan li jirrabja lix-xitan... u jkollu jdabbar rasu!

## Fl-Isem ta' Gesu'

Fil-kultura Ihudija u biblika, l-isem moghti lil persuna kien hafna drabi jfisser min kienet il-persuna u r-rwol taghha. Kien ghalhekk li Gesu' biddel l-isem ta' Xmun f'dak ta' Pietru (li tfisser blata) meta tah ir-rwol li jmexxi f'ismu l-Knisja.

Issa x'ifisser l-isem ta' Gesu'? Ifisser **Salvatur, Redentur, Hellies.**

Hu ghalhekk li x-xitan jibza' minnu, u kif tghallem l-esperjenza ta' l-ezorcisti kollha, metajissemma dan l-isem, ix-xitan jitrieghed jew jirrabja.
Il-qawwa li ghandu dan l-isem hija kbira. U dan tikkonfermah l-istess Skrittura.

Darba Pietru u Gwanni, huma u dehlin fit-tempju, raw tallab ghama hdejn il-bieb. Talabhom xi haga. U Pietru qallu:

*"*Fidda u deheb ma ghandix, imma dak li ghandi se naghtihulek:
fl-isem ta' Gesu' Kristu ta' Nazaret, imxi" (Atti 3:6). Mhux biss, imma meta Pietru u Gwanni kellhom jidhru quddiem is-Sinedriju, Pietru qalilhom:

"Mela kunu afu intom ilkoll, u l-poplu kollu ta' lirael:
jekk dan ir-ragel huwa hawn quddiemkom qawwi u shih, dan gara bis-sahha ta' l-isem ta[1] Gesu' Kristu ta' Nazaret" (Atti 4:10*).*

L-isem ta' Gesu' ghandu l-qawwa li jsalva, li jfejjaq, li jillibera lin-nisrani mill-hakma qerrieda tax-xitan. Anzi, fl-isem ta' Gesu' kull nisrani ghandu s-setgha jkecci lix-xitan li jkun qed jattakkah:

"U dawn huma s-sinjali li jsiehbu lil dawk li jemmnu:

f'ismi jkeccu x-xjaten" (Mk 16:17).

San Pawl jghid lill-Filippin li quddiem l-isem ta' Gesu' **kulhadd** irid ibaxxi rasu u jinzel gharkubbtejh:

"Ghalhekk Alla ghollieh sas-smewwiet

u zejnu bl-isem li hu fuq kull isem,

biex fl-isem ta' Gesu'

-fis-sema, fl-art u f'qiegh l-art -

il-hlejjaq kollha jinzlu gharkubbtejhom,

u kull ilsten jistqarr:

'Gesu' Kristu hu l-Mulej

ghall-glorja ta' Alla l-Missier'" (**Fil 2:9-11**).

Mela x-xitan ukoll, iridjew majridx, ikollu jinzel gharkubbtejh quddiem Gesu'. Dan mhux bhala adorazzjoni jew imhabba, imma ghaliex imgieghel - kontra qalbu - u jagharfu bhala s-Sid u Alla.

**Id-Demm ta' Gesu'**

Satana minn dejjem xtaq li Gesu' ma jxerridx demmu ghalina. Kien jaf li dak id-demm kellu jkun il-kundanna tieghu. Id-demm ta' Gesu' kellu jsir il-hajja taghna.

> Fir-realta, il-Lhud kienu jemmnu li d-demm huwa l-hajja. "Ghax hajjet il-laham hi fid-demm, u jien tajthulkom ghal fuq l-altar biex taghmlu bih l-espjazzjoni ghalikom. Ghax bid-demm, li hu l-hajja, issir l-espjazzjoni" (Lev 17:11).

Ghaldaqstant, fil-kuntest ta' dik il-kultura, id-demm li Gesii xerred ghalina kellu jkun l-ghotja tal-hajja tieghu biex bih jaghti lilna l-hajja. Hekk jghid San Pawl:

Fih ahna ghandna l-fidwa bid-demm tieghu, il-mahfra tad-dnubiet, skond l-ghana tal-grauja tieghu" (Ef. 1:7).
Bid-demm ta' Gesu', ahna dhalna mill-gdid f'patt mal-Missier u gejna lliberati mill-kundanna li kellna mdendla fuq rasna. "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-hajja taghkom fiergha li hadtu minghand missirijietkom,

mhux b 'xi haga li tintemm,

bhalma hi l-fidda jew id-deheb,

imma bid-demm ghazizi ta' Kristu,

li kien bhal haruf bla ghajb u bla tebgha"

(1 Piet 1:18-19).

Altru li ghandu ragun jibza' x-xitan mid-demm ta' Kristu! U difatti, meta wiehed isejjah id-demm ta' Gesu' biex jipprotegih, ix-xitan jahrab. U jahrab ukoll meta nroddu s-salib, ghax ghalih is-salib huwa mhux biss simbolu imma l-kawza tat-telfa tieghu.

**Il-Madonna tinnervjah**

Darba ezorcista famuz qalli li x-xitan jiddejjaq izjed meta ssemmilu lill-Madonna milli lill-istess Gesu'. Ma kontx fhimtu. Ilum li l-ministeru tieghi nzerta wkoll dak ta' ezorcista, dan nista' nikkonfermah. Lix-xitan, il-Madonna tinnervjah! Taghtih gewwa! Ma jissaportihiex! U bir-ragun. Huwa jaf li Gesu' huwa Alla, l-Iben t'Alla l-haj. Jaf li mieghu ma jista' jaghmel xejn. Imma l-Madonna hija hlejqa bhalu. Anzi: taht certu aspett, inqas minnu, ghax hu spirtu u hi umana. Iqis lilu nnifsu wisq izjed intelligent! minnha. U

safrattant... qatt ma rnexxielu jbattiha mqar ghal mument wiehed biss. L-umilta taghha taghtih gewwa. Iddejqu u tirrabjah.

U allura l-glieda maghha u taghha mieghu hija kontinwa. Jekk wiehed jaqra l-messaggi tal-Madonna f'Medjugorie, isib li Marija ta' sikwit issemmi lix-xitan u tifthilna ghajnejna biex ma naqghux fin-nasba tieghu. Zgur li hadd daqsha ma tiggelidlu.

Din il-glieda hija diga mhabbra fil-protovangelu, fil-bidu ta' l-istorja umana, wara li l-ewwel bniedem naqas li jzomm il-patt ma' Alla, u dineb. Allura Alla ghamel l-ewwel thabbira ta' helsien:

"U jien inqajjem mibeghda bejnek u bejn il-mara,
bejn nisiek u nisilha,

u hi jishaqiek rasek

u int tishaqlu gharqubu" (den 3:15). Bosta drabi, artisti, pitturi u skulturi jipprezentawlna lil Mariia bis-serp taht riglejha, tishaqlu rasu. Proprjament huwa Gesu' dak li sahaq ras is-serpent, imma bi pjan divin, il-Missier ried isieheb lil Marija fl-opra tal-helsien (Korredentrici), u ghaldaqstant -ghalkemm b'mod different! - Marija wkoll flimkien ma' Gesu' tishaq ras is-serpent (ara Lumen Gentium n. 56).

Il-gwerra bejn id-Dragun u l-Mara, hija deskritta b'mod koreografiku fl-Apokalissi:

"U deher sinjal kbir fis-sema:

Mara, liebsa x-xemx,

bil-qamar taht riglejha

u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha.

Hija kienet fit-tqala

u bdiet tghajjat bl-ugigh tal-hlas

u tbati biex tehles.

Mbaghad fis-sema deher sinjal iehor:

ara, Dragun kbir minn lewn in-nar,

b'sebat irjus u ghaxart iqrun

u b'seba' dijademi fuq irjusu.

U b 'denbu kines wahda mit-tlieta tal-kwiekeb tas-sema

u waddabhom lejn l-art.

U d-Dragun mar qaghad quddiem il-Mara li kienet se tiled

biex kif tiled lil binha jibilghu.

U hi wildet iben, tifel,

li kien ghad irid jirgha l-gnus b'xettru tal-hadid.

U Binha gie mahtur ghal quddiem Alla u quddiem it-tron tieghu.

U I-Mara harbet fid-dezert..." (Apok 12:l-6).

Il-mara li kontrieha jifferocja d-dragun hija l-Knisja, hija Marija, hija l-umanita mifdija mid-demm ta' Gesu' (6). B'mod izjed partikulari hija Marija il-mudell tal-Knisja, li fiha tigbor il-valuri u l-esperjenzi kollha; Marija li hija r-realta profetika tas-sejha eskatologika ta' l-umanita, fi tmiem l-istorja (7).

Kif jghid sewwa San Lwigi M. Grignon de Montfort, Marija hija l-izjed ghadu qawwi li x-xitan jibza' minnu. Jibza' minn Marija, ikompli l-qaddis, wisq izjed milli jibza' mill-angli u mill-bnedmin kollha f'daqqa, u f'certu sens jibza' minnha izjed minn Alla stess! Mhux ghaliex ma jaghrafx li Alla huwa l-istess perfezzjoni, filwaqt li Marija ghandha l-limiti taghha ta' hlejqa, imma ghaliex il-kburija u s-suppervja tieghu igeghluh isofri tremendament, specjalment quddiem l-umilta kbira taghha.

Interessanti dak li jsemmi P. Amorth (8).
Fl-1823, f'Ariano Irpino (Avellino), zewg dumnikani P. Cassiti u P. Pignataro, gew mistiedna biex jezorcizzaw guvnott. F'dak iz-zmien kienet ghadha sejra d-diskussjoni bejn it-teologi dwar it-tnissil bla tebgha (Immakulata) ta' Marija. Din imbaghad kienet saret domma fl-1954 minn Piju IX. Dawn iz-zewg ezorcisti obbligaw f'isem Gesu' lix-xitan biex jaghti prova li Marija hija Immakulata, u x-xitan - bil-vuci ta' tfajjel bla skola ta' madwar 12-il sena -jaghtina innu mill-isbah dwar Marija Immakulata (9). Piju IX kien kommoss meta qara dan is-sunett, li l-awtur tieghu hu x-xitan, wara **li** pprezentawhulu fl-okkazjoni tad-dikjarazzjoni tad-domma.

Esperjenza ohra sabiha hija dik **ta'** Don Faustina Negrini, li miet meta kien qed jezercita ezorcizmu. Darba staqsa lix-xitan:
"Imma int ghaliex ghandek dan il-biza' kollu minn Marija?" U x-xitan, permezz tal-mara possessata, kellu jwiegeb: "Nibza' minnha ghaliex hija l-hlejqa l-izjed umli filwaqt li jien l-izjed supperv; ghaliex hi l-izjed ubbidjenti, u jien l-izjed ribelluz; ghax hi l-izjed safja u jien l-izjed mahmug" (10).

Wiehed allura jifhem malajr ghaliex ix-xitan jaghmel hiltu biex itellef kull ghamla ta' devozzjoni lejn il-Madonna.

Difatti - jikkummenta San Massimiljanu Kolbe - "ix-xitan jaghmel minn kollox biex ibieghed lir-mh mill-Madonna. Tant hu hekk, illi jekk ma jirnexxilux ibeghdha, allura ma jibqaghlux izjed skop li jirbah lil dik ir-ruh" (11).

Bla dubju ta' xejn, fost id-devozzjonijiet li l-aktar jinfiskaw lix-xitan insemmu r-ruzarju, devozzjoni li l-istess Madonna tissuggerixxi tant drabi fid-dehriet taghha. Il-kuruna minn dejjem tbezzghu u sikwit waqt l-ezorcizmi jaghmilha bcejjec.

**Angli u Qaddisin**

Hafna drabi nistaqsu: imma ghaliex Alla jippermetti li x-xitan jittanta lill-bniedem? Nizbaljaw jekk nahsbu li dan jaghmlu ghax ghandu nuqqas ta' interess fil-bniedem, imma jippermettih semplicement biex jumilja lill-istess xitan. Il-glieda mhux iddghajjef, imma tqawwi lin-nisrani. Hemm naturalment hafna suldati li jaqghu waqt il-battalja, imma dan gej mill-fatt li jew ghax dawn jippuzaw li jistghu jiggieldu bil-forzi taghhom biss, jew ghax jitqarrqu u jmorru huma stess fuq in-naha ta' l-ghadu jew ghaliex ma juzawx l-armi li Alla tahom f'idejhom biex jirbhu.

Rajna diga kemm hija qawwija l-armatura li Alla qed joffrielna u kemm armi hemm f'idejna. Minbarra hekk, hemm l-istess Gesu' n-naha taghna (l-isem, id-demm u s-salib tieghu); hemm Marija, u hemm ukoll l-angli u l-qaddisin.

Jghidilna San Mattew, illi meta x-xitan hallieh lil Gesu', l-angli gew biex iservuh. "Mbaghad ix-xitan hallieh, U minnufih gew xi angli li kienu jaqduh" (4:11).

Fost il-hafna rigali li Alla ta lill-bniedem, huwa tana angli madwarna li jaqduna u jiehdu hsiebna.

"M'humiex huma wkoll spirti qaddejja,

mibghutin biex jaqdu lil dawk li ghandhom jiksbu s-salvazzjoni?" (Lhud 1:14).

U tista' qatt timmagina li waqt il-glieda, l-angli ma jkunux hemm, jiggieldu maghna? Zgur li x-xitan ma tantx igerraghhom lill-angli, ghaliex ifakkruh fil-glieda li kellu m'Alla u fil-fedelta taghhom lejn il-Maesta Divina.
Tajjeb ghaldaqstant li niftakru kontinwament f'dawn il-qaddejja li l-Mulej tana biex jiehdu hsiebna u jindukrawna.
U ma' l-angli nzidu l-qaddisin fis-sema, l-ahwa l-kbar taghna, **li** qabilna ggieldu u rebhu.

San Tumas d'Aquino jghidilna illi ladarba t-talba maghmula ghall-ohrajn, ghandha bhala gherq l-imhabba, u ladarba fil-qaddisin din l-imhabba lejn Alla u lejna hija hekk kbira, allura wiehed ma jiddubitax mill-qawwa li ghandha t-talba li huma jaghmlu ghalina quddiem Alla (12).

Naturalment, kull nisrani ghandu gibda u devozzjoni lejn qaddisin partikulari, u rridu nghidu li l-qaddisin kollha ghandhom setgha quddiem Alla, setgha li gejja minn intimita ta' mhabba li hemm bejn il-qaddis Jew qaddisa u Alla nnifsu.

Imma forsi ta' min isemmi whud li minhabba cirkustanzi fil-hajja taghhom li gabuhom izjed wicc imb'wicc max-xitan jidher li l-intercessjoni taghhom hija izjed qawwija. Almenu hekk tghallimna l-esperjenza.

Qabel xejn ninnutaw - u dan rajnieh tant drabi waqt l-ezorcizmi - li qawwa specjali ghandu l-qaddis jew qaddisa li tieghu jew taghha wiehed igib l-isem.

Ilium sfortunatament, bosta nsara jippreferu jaghtu lit-trabi taghhom ismijiet ta' artisti, hxejjex jew ma nafx xiex. U jahasra ma jkunux qed jindunaw li jkunu qed icahhdu lil uliedhom minn protezzjoni specjali min-naha ta' qaddis jew qaddisa partikulari. L-isem tal-qaddis, moghti fil-maghmudija mill-gerituri jsir il-protettur specjali tal-persuna u jiddefendiha tul hajjitha kollha (13).

Post il-qaddisin li l-aktar jissemmew f'dan il-kamp, nelenkaw
lil:
- San Anastasju Magundat, martri (14);
- San Vicinju, isqof ta' Sarsina (Forll) (15);
- San Ubaldu ta' Gubbio (16);
- Sant' Antonin, abbati ta' Sorrento (17).

Imma fosthom ilkoll nixtieq insemmi tlieta, li dwarhom nghidu kelma izjed specifika.

**SAN MIKIEL** - il-kult liturgiku u devozzjonali lejn San Mikiel, il-figura angelika li minn dejjem giet meqjusa bhala s-simbolu tal-battalja kontra x-xitan, hija antikissima, sew fl-Occident kif ukoll fl-Orjent. Sfortunatament, dan il-kult naqas f'dawn l-ahhar zmenijiet minhabba li f'hafna naqset ukoll l-importanza tal-glieda kontra x-xitan. Imma dan certament mhux sinjal ta' mixja '1 quddiem fil-hajja nisranija.

Ta' min ifakkar li kien l-istess Papa Ljun XIII li kkompona talba lil San Mikiel, li kienet tigi recitata minn kull sacerdot fi tmiem kull quddiesa. Bir-riforma liturgika fi zmien Pawlu VI, din it-talba giet soppressa, u hekk il-Knisja ccahhdet minn kor ta' talb kontinwu li kienet qed tgholli '1 Alla bl-intercessjoni ta' San Mikiel, bhala protezzjoni kontra l-ghadu li jdur kontinwament madwarna, qisu ljun feroci.

L-isetss qaddisin dejjem kellhom devozzjoni lejn San Mikiel. Bizzejjed insemmu lil San Frangisk t'Assisi, li kull sena kien jaghmel 40 jum sawm (Randan) qabel il-festa ta' San Mikiel, li tigi fid-29 ta' Settembru, minbarra li kien imur bil-mixi jzur is-santwarju tieghu, fuq Monte Sant'Angelo fil-Gargano.
Infakkru wkoll lil Dun Gorg Preca li kellu devozzjoni specjali lejn San Mikiel, u din id-devozzjoni dejjem ipprova jnissilha fil-membri tas-Socjeta tal-M.U.S.E.U.M.

**SAN BENEDITTU** - hu meqjus bhala l-protettur ta' l-ezorcisti. Famuz huwa s-salib midalja ta' San Benedittu. Dan is-salib, li fuqu hemm imwahhla domna min-naha ta'

quddiem u min-naha ta' wara tas-salib, huwa meqjus bhala ghaziz ghall-moribondi. Il-papiet taw l-Indulgenza Plenarja ghal dan is-salib-domna.

Filwaqt li fuq in-naha ta' wara tas-salib hemm il-figura tal-qaddis, fuq in-naha ta' quddiem, wara l-kurcifiss, hemm il-midalja b'dawn il-kelmiet:

**C.S.P.B.** - Crux Sancti Patris Benedicti
(Is-salib tal-qaddis missier Benedittu)
**C.S.S.M.L.** - Crux Sancta sit mihi Lux
(Li s-salib imqaddes ikun ghalija dawl)
**N.D.S.M.D.** - Non Draco sit mihi Dux
(Li d-Dragun ma jkunx ghalija mexxej)
**V.R.S.** - Vade retro, Satana
(Tbieghed, Satana)
**N.S.M.V.** - Non suade mihi vana
(Tqarraqnix bi hwejjeg **fiergha)**
**S.M.Q.L.** - Sunt Mala quae Libas
(Dak li toffrili hu hazin)
**I.V.B.** - Ipse Venena bibas
(Ixrob int stess il-velenu tieghek).

Is-salib ta' San Benedittu hu ghaziz ilium ghal hafna nsara, **li** jgorruh fuqhom, u hu wzat hafna mill-ezorcisti.

**SANT'ANTNIN TA' PADOVA** - Jirrakkontaw il-biografi ta' Sant'Antnin li meta dan kien tfajjel, wara li ghen bhala abbati l-quddiesa, baqa' fil-knisja jitlob. F'daqqa wahda ra figura kerha. Kien ix-xitan. Ic-ckejken allura ghamel salib fuq it-targa ta' rham ta' l-altar. Ix-xitan harab, filwaqt li dak is-sinjal tas-salib baqa' mnaqqax fl-irham.
Minn dak in-nhar, il-glieda tal-qaddis max-xitan kienet kontinwa. Ix-xitan kien jibza' mill-qaddis tremendament.

Issa fi zmien ir-Re Dionisju (1279-1325), li kien ir-ragel ta' Santa Elizabetta tal-Portugal, f'daqsxejn ta' rahal jismu Santarem, kien hemm mara li tant kienet qed thoss it-toqol ta' dnubietha, li kienet ittantata li taghmel suwicidju. Ix-xitan dehrilha taht il-forma ta' Kristu Msallab, u kkonvinciha toqtol ruhha b'idejha. Kienet konvinta **li** dnubietha setghu jinhafru bissjekk tintefa' fix-xmara Tagus.
Inzertat li din il-mara kellha devozzjoni lejn Sant'Antnin, u fil-jum tal-festa tieghu, meta kienet fi triqtha lejn ix-xmara, tidhol fil-knisja ddedikata lill-qaddis, biex hemm titlob '1 Alla u lilu dwar jekk dak li kienet ser taghmel, kienx ir-rieda t'Alla.
Waqt li kienet qed titlob, waqghet fuqha naghsa kbira u holmot. Rat lil Sant'Antnin f'dehra li qalilha: "f'hogrok ghandek bicca karta b'kitba fiha; aqraha, u t-tigrib tax-xitan jispicca".
Meta qamet issib din il-bicca karta, u fuqha l-kelmiet:
"Ecce Crucem Domini; fugite paries adversae! Vicit Leo de tribu Juda,
Radix David. Alleluia, Alleluia".

It-tifskira ta' dawm il-kelmiet hija:
"Ekku s-Salib tal-Mulej; hlejqiet ghedewwa!
Johrog Rebbieh l-Iljun tat-tribu ta' Guda,
ir-Rimja ta' David. Alleluja, Alleluja".

Innota li din mhix hag'ohra hlief silta mehuda mill-Apokalissi 5:5.
Kif qalilha Sant'Antnin, il-mara malajr ikkalmat, ix-xitan harab minn madwarha, ghamlet qrara sabiha u hekk helset minn mewt tragika.
Meta r-re sama' b'dan, sejjah lill-mara u talabha l-famuza karta. Huwa poggieha fost il-hafna relikwi li kellu fil-palazz.
Imma malajr din il-mara ddispjaciha li telqet dil-parcmina minn taht idejha, izjed u izjed li issa, minghajrha, ix-xitan rega' beda jittantaha. Hija talbet, permezz tal-patrijiet frangiskani tal-post, li r-re jirritornalha l-parcmina, imma lanqas ir-re ma ried ihalliha minn taht idejh, u allura taha kopja taghha. Hi dendlitha ma' ghonqha u sabet li mqar il-kopja kellha l-istess effett ta' l-original. Ix-xitan harab minnha.
U minn hawn originat dik li llum tissejjah: Brevis Sancti Antonii - Il-Kelmiet qosra ta' Sant'Antnin.

Bosta, dawn il-kelmiet qosra imma ta' forza tremenda, izommuhom madwar ghonqhom, Jew miktubin u mwahhiin fi kwadru, bhala protezzjoni kontra x-xitan. Imma l-importanti hu li nzommuhom f'qalbna u nirrecitawhom kull meta x-xitan jipprova jqarraq bina. Interessanti: dawn il-kelmiet illum huma wkoll imdahhlin fil-Formularju ta' l-Ezorcizmu (18).

## Is-Sagramentali

Jghidilna l-Koncilju Vatikan II fil-Kost. dwar il-Liturgija:

"Ommna l-Knisja Mqaddsa waqqfet is-Sagramentali. Dawn huma sinjali mqaddsa li, b 'certu xebh mas-sagramenti jfissru u, bil-qawwa tat-talb tal-Knisja, jaqilghu effetti fuq kollox spiritwali. Bihom il-bnedmin jiddisponu rwiehhom biex jaqilghu l-effett ewlieni tas-sagramenti; bihom jitqaddsu c-cirkustanzi differ enti tal-hajja" (n. 60). Il-Knisja tkompli tafferma t-twemmin taghha fis-sagramentali permezz tal-Ligi Kanonika (**ara Codex n. 1166).**

B'sagramentali nifhmu dawk il-barkiet jew dawk l-oggetti mbierka, li jsiru kanal ta' grazzja, biex jghinu lill-insara f'sitwazzjonijiet partikulari tal-hajja. Biex naghtu xi ezempji, insemmu l-ilma mbierek, iz-zejt, l-incens, il-melh, slaleb jew domni mberkin, il-kuruna tar-ruzarju, xemgha mbierek, ecc. ecc.
F'dawn l-ahhar snin kienu diversi anki teologi li naqqsu l-importanza ta' dawn is-sagramentali. Certament, hu importanti li ma naghtuhomx certa magicita - haga li sfortunatament facli ssir minn certi nsara immaturi - imma min-naha l-ohra wiehed ma jistax jichad il-qawwa ta' dawn is-sagramentali fil-glieda taghna kontra x-xitan.

Il-Kodici l-antik tal-Ligi tal-Knisja (li skada fl-1983), kien jiddistingwi s-sagramentali (n. 1144) fi hwejjeg u azzjonijiet.
Permezz ta' hwejjeg nifhmu dawk l-oggetti li jigu mbierka ikkonsagrati jew ezorcizzati filwaqt li bl-azzjonijiet nifhmu dawk il-barkiet li s-sacerdot jaghti, bi stola fuqu, biex ibierek jikkonsagra jew jezorcizza. Ma ninsewx li l-istess ezorcizmu huwa sagramentali.
Fost is-sagramentali, ta' min isemmi:

**L-Ilma Mbierek** - Fil-lingwagg popolari nghidu li x-xitan ma joqghodx hdejn l-ilma mbierek. Dan juri li l-istess esperjenza tghallimna kemm ix-xitan jibza' minn dan is-sagramentali. Naturalment, mhuwiex l-ilma li jbezzghu, imma hija t-talba li s-sacerdot, f'isem il-Knisja, jaghmel fuq l-ilma.

Bosta juzaw l-ilma li jgibu minn Lourdes jew minn santwarji ohrajn. li haga sabiha meta wiehed jixrob jew juza dan l-ilma. Imma dan mhux ilma li bih wiehed jista' jbierek. L-ilma "mbierek" hu dak li jitbierek mis-sacerdot bhala ministru ufficjali tal-Knisja.

Dan l-ilma wiehed ghandu juzah mhux magikament, daqslikieku ghandu s-setgha li jbiddel cirkustanzi jew iharrab lix-xitan b'mod magiku. Tidhol hafna l-fidi. Difatti f'kull sagramental, il-fidi, sew ta' min jamministra kif ukoll ta' min jircievi, ghandha post importanti.

Wiehed jista' jbierek id-dar b'dan l-ilma, iroxxu fuq is-sodda, jixorbu (mhux kemm tixrob jghodd, imma kemm ghandek fidi).

Hija uzanza ta' min jikkundannaha meta certi shahar jibaghtu lill-klijenti taghhom biex jiehdu l-ilma mbierek minn tliet knejjes different! u mbaghad ihalltuh. Wiehed hawn malajr jinduna bil-magicita.

Post il-qaddisin li kienu jemmnu fl-ilma mbierek, insemmu fost l-ohrajn lil Santa Tereia ta' Avila. " Sperimentajt kemm-il darba — tghid il-qaddisa - li biex inharrab lix-xitan u ma nhallihx jirritorna, m'hemmx mezz aqwa mill-ilma mbierek..." (19).

**Il-Melh Imbierek** - Il-melh ukoll ghandu certa qawwa kontra x-xitan. Sfortunatament, is-shahar serqu dawn is-simboli kollha mil-liturgija tal-Knisja, u allura facli li jfixklu. Diversi shahar jaghtu l-melh lill-klijenti taghhom biex iwaddbuh fuq l-ghetiebi tad-djar, bhala maghmul. Kultant jghidu lin-nies jahslu ghal tliet darbiet id-dar bil-melh jew jinhaslu huma

stess bil-melh biex inehhu l-maghmul. Dawn huma kollha riti magici.
Ahna nemmnu, mhux fil-qawwa tal-melh fih innifsu, imma fit-talba li s-sacerdot jaghmel fuq il-melh. Il-melh imbierek jista' jintuza' - skond Salvucci - billi jinzamm f certi ambjenti biex jipprotegi Jew anki jittiehed ma' l-ikel fi kwantita zghira (hi l-fidi li tghodd mhux il-kwantita tal-melh!) (20).

**Iz-Zejt Imbierek** - Il-Knisja minn dejjem ghamlet uzu vast miz-zejt. Fl-ahhar mill-ahhar, anki fit-Testment il-Qadim, ir-Re, is-Sacerdot u l-Profeta kienu jigu kkonsagrati biz-zejt.
P'Hamis ix-Xirka, l-isqof ibierek tliet kwalitajiet ta' zjut: iz-iejt tal-Katekumeni (li jintuza mat-Talba ta' l-ezorcizmu fil-Maghmudija). Dan iz-zejt jintuza hafna drabi mill-ezorcista fit-talb li jaghmel ghall-helsien. Hemm imbaghad iz-zejt tal-Grizma, li jintuza fil-Maghmudija, fil-Grizma ta' l-Isqofu fl-Ordinazzjoni, biex jintalab l-inzul ta' l-Ispirtu s-Santu u z-zejt tal-Morda, li bih jindilku l-Morda fil-Grizma tal-Morda.

Ma' dawn pero nzidu wkoll iz-zejt imbierek, li l-lajci jistghu juzawh bhala protezzjoni u fejqan fid-diversi cirkustanzi tal-hajja.
Sfortunatament hawn ukoll is-shahar b'qerq juzaw iz-zejt bhala wiehed mill-qawwiet taghhom. Naturalment pero, dan iz-zejt m'ghandu x'jaqsam xejn maz-zejt imbierek mill-Knisja (21).

**L-Incens** - L-incens sa minn zmenijiet qodma hafna, dejjem kien uzat bhala sinjal ta' adorazzjoni u rispett lejn l-allat. Fil-fatt, fil-quddiesa s-sewda wkoll organizzata mis-satanisti, l-incens jintuza biex tinghata qima lil Satana.
Incens ezorcizzat u mbierek ghandu wkoll qawwa, bhall-ilma mbierek, melh u zejt, biex iharrab lix-xitan, li ma jissaportiniex infahhru u naduraw '1 Alla.
Certament dan m'ghandu x'jaqsam xejn mat-tbahhir li kien isir min-nanniet taghna, fejn kienu jimmaginaw li x-xitan jahrab bid-. duhhan taz-zebbug mahruq. Minkejja li dan kien isir b'intenzjoni tajba, pero wiehed ma jistax ma jilmahx fit-tbahhir, magicita u superstizzjoni.

**Ix-Xemgha Mbierka** - Fit-2 ta' Frar Jum il-Gandlora jitbierku x-xemghat. Din il-festa tfakkar il-Prezentazzjoni ta' Gesu' fit-Tempju. F'din l-okkazjoni, il-Profeta Xmun, Lhudi ta' fidi kbira, sellem lil Gesu' bhala "dawl li jdawwal il-gnus ". Hu ghalhekk li jitbierku x-xemghat.
Tradizzjonalment, dawn ix-xemghat jittiehdu d-dar u jinxteghlu
- waqt tempesti kbar u kataklizmi naturali
- fil-mument tal-mewt ta' persuna
- u waqt it-tberik ta' dar biex din tinheles mill-infestazzjonijiet tax-xitan (22).

**Oggetti Sagri** - b'dawn nifhmu domni, slaleb, kwadri, santi u oggetti ohrajn imberkin li nzommuhom fuqnajew fi djama bhala protezzjoni. Naturalment, irridu nifhmu li hi t-talba li tinghad fuqhom mis-sacerdot, l-ufficjal tal-Knisja, li ghandha l-qawwa u mhux l-istess oggett fih innifsu. Bosta jaghmlu minn dawn l-oggetti hwejjeg magici. F'dan il-kaz allura dawn mhux biss ma jsirux protezzjoni kontra x-xitan, imma jsiru oggetti f'idejn ix-xitan minkejja x-xbiha li jgibu.
Naghti ezempju. Persuna tmur ghand sahhara u din "tahdem" fuq oggett sagru, nghidu ahna domna, jew salib jew inkwatru religjuz. Taghmel talba fuq dan l-oggett u titlob lill-klijent jilbsu. Dan l-oggett, bi xbiha sagra, ma jibqax sagru izjed, immajsir Alla falz. Qed nirreferi hawn ukoll ghall-famuzi tlieta-u-tletin salib li s-shahar inaqqxu fuq ic-crieket tat-tieg jew slaleb li mbaghad wiehed igorr fuqu.

Wiehed ghandu jevita wkoll li jilbes dawn l-oggetti sagri ma' simboli ta' l-oroskopju jew ta' superstizzjoni bhal nghidu ahna l-qarn, il-bzaru, in-naghla... kollha simboli li hafna jemmnu li jistghu jipproteguhom mill-ghajn jew il-maghmul.
Ma nhalltux '1 Alla max-xitan. Dawn ma joqoghdux flimkien! (23)

Tawwalna xi ftit dan il-kapitlu biex nuru bic-car illi, ghalkemm ix-xitan huwa qawwi, madankollu f'idejna ghandna armi qawwijin bizzejjed biex niggildulu.
Bosta jistaqsu: imma jekk Alla huwa izjed qawwi minnu, ghaliex lix-xitan ihallih jaghmel dan il-hazen kollu?
Alla jistma tant ir-rigal tal-liberta, li anki lix-xitan ihallih jaghmel dak li jrid. Imma tinsiex li jekk ix-xitan qed jaghmel dan il-hazen kollu fid-dinja, dan hu biss ghaliex ahna qed inhalluh, meta wkoll ma nissehbux mieghu.
Il-Mulej lilna ma halliniex bla protezzjoni u dizarmati. Tana fidejna armi li jwerwruh lix-xitan.
Jiddependi minnek tuzahomx.
U Jiddependi wkoll minnek tridx tuzahom.

*** *** *** ***